## Brincat Anna at Parlament-MT

| | |
|---|---|
| **From:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Sent:** | Thursday, 15 May 2025 17:03 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Subject:** | FW: Rizoluzzjoni dwar trasferiment ta' propjeta lil Burmarrad football Club |

On 05 May 2025, at 06:35, Censu Galea <censugaleaspblc@gmail.com> wrote:

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor. Deputat Prim Ministru,
Dr. Ian Borg.

Onorevoli.

Ingibditli l-attenzjoni li llum, 5 ta' Mejju 2025, Il-Kumitat tal-Kontijiet Dwar l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika, ser ikun qed jiddiskuti mozzjoni dwar tradsferiment ta' art lill-Burmarrad Football Club.

Konxju li dan is-suggett kien diga resaq ghad-diskussjioni xi xhur ilu u thalla ghal decizjoni iktar 'il quddiem. (issa ser jigi diskuss illum).

Matul dawn ix-xhur il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kellu korrispondenza mal-Ministeru ghal l-Edukazzjoni, kif ukoll kien hemm korrispondenza diretta mal-Ministru, Onorevoli Clifton Grima.

Parti mill-art li ser tkun qeghda tigi diskussa r-rizoluzzjoni dwarha, tifforma art li ilha ghal snin twal uzata bhala gnien pubbliku. Diversi drabi saru investimenti mill-kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar, biex il-post jinzamm f'kundizzjoni tajba, u miftuh ghall-pubbliku.

L-ahhar investiment li sar mill-kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar, bi skema tal-Ministeru responsabbli mill-kunsill lokali, u li gie nawgurat mill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, sena ilu, sewa lill-Kunsill Lokali (inkluz dak li suppost ghandu jigi moghti lura lill-Kunsill Lokali mill-iskema msemmija), is-somma ta' madwar 140,000 Ewro. Naturalment din hi spiza sostanzjali hafna ghall-kunsill Lokali, u ghal dan il-ghan qed nitlob li l-Kunsill Lokali jinghatawlu lura l-flus li nefaq f'investiment f'dan l-istess post.

Minbarra hekk, il-Kunsill lokali kien ukoll stabilixxa l-hinijiet tal-ftuh u ta' l-gheluq tal-post imsemmi. Ghal dan il-ghan hu mportanti wkoll li, min ser jinghata din il-propjeta jassigura li l-post ikun accessibbli ghall-pubbliku, li kull manutenzjoni mehtiega ssir mill-istess operatur, il-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma jigu trasferiti fuq il-klabb, il-cameras tas-sigurta jkun taht il-kontroll ta' l-operatur, u li l_MCCAA tkun infurmata li issa l-=operatur mhux ser jibqa' iktar il-Kunsill Lokali.

Billi l-area hi principarjament hi mahsuba ghal l-uzu bla hlas ghar-residenti, ikun ukoll assigurat li l-access ghal dan il-post jibqa' bla hlas.

Ghal dan il-ghan hu mportanti ferm li l-kunsill jibqalu d-dritt li jaghmel uzu minn dan l-ispazju jekk kemm il-darba jkun mehtieg, u dan bi ftehim ma' l-istess operatur.

Filwaqt li l-kunsill kien jippreferi li l-ispazju li tant sewa flus u xoghol lill-istess kunsill, jibqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali, l-istess kunsill issa jinsisti li l-ghan principali ta' dan l-ispazju jibqa dak kif originarjament mahsub u li f'kull hin l-istess spazju jkun imhares minn kull vandalizmu li jista' jsehh fih.

Dejjem Tieghek,

Perit Censu Galea (Sindku San Pawl il-Bahar).